**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/2-2011(26_02_2011).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 26 ta' Frar 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fid-9.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi-*Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 ta' Frar 2011.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Laqgħa tal-Lokalita' 2011 – punti mqajjma.
3. Tqassim tal-Fondi U.I.F – proposti u ħruġ ta' *tenders* relatati.
4. Proposta ta' *tender* għat-tindif fit-toroq residenzjali (Ġunju-Sett).
5. Rapport taċ-*Chairperson*.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/1-2011(29_01_2011).

**2.00 Laqgħa tal-Lokalita' 2011 – punti mqajjma.**

2.01 Din kienet l-ewwel laqgħa tal-lokalita' għall-Kumitat Amministrattiv u kienu preżenti madwar 13-il persuna. Minn-naħa tal-Kumitat kienu preżenti ċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi, l-membri s-Sur Vincent Borg u s-Sinjorina Joselle Buttigieg, is-Sindku s-Sur Joseph Sultana u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Anthony Grech.
Il-membri preżenti talbu diversi informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li hemm ippjanati li jsiru fix-Xlendi. Saru xi ilmenti minħabba li x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq ir-Rabat, Xlendi qed isiru bil-mod wisq. Dan ix-xogħol minn xi kultant żmien qed ikollu jieqaf minħabba li kull meta tagħmel ix-xita jgħaddi ħafna ilma minn hemm. Ir-residenti talbu wkoll sabiex meta jkunu lesti l-pjanti għat-tisbiħ tax-Xlendi, huma ikollhom aċċess li jarawhom.

**3.00 Tqassim tal-Fondi U.I.F – proposti u ħruġ ta' *tenders* relatati.**

3.01 L-ammont ta' dan il-fond tela' għal €118,000 u għaldaqstant il-Kumitat Amministrattiv ser jikkunsidra proġetti li jiġu ffinanzjati minn dan il-fond.

- Jitpoġġew bankijiet ġodda matul ix-Xtajta. Ser nikkonsultaw mad-*Designer* Carlos Schembri dwar disinn.
- Jinbidlu l-fanali tad-dwal u rridu nistennew mingħand l-Inġinier.
- Nagħmlu *pots* kbar u siġar taċ-Ċitru. Ser nikkonsultaw mad-*Designer* Carlos Schembri dwar disinn.
- Jinbidel ir-*railing* tat-turġien li jagħtu għal Il Terrazzo Restaurant.
- Fi Triq il-Kantra - isiru fanali, *railing*, bankina u bankijiet.

Il-Perit u l-Inġinier ser jimlew il-formola għall-applikazzjoni tal-U.I.F sabiex ikunu jistgħu jiġu approvati. Meta jiġu approvati u jiġu ffirmati l-kuntratti, l-Kumitat joħroġ is-sejħa għall-offerti.

**4.00 Proposta ta' *tender* għat-tindif fit-toroq residenzjali (Ġunju-Sett).**

4.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li wara li kienet saret laqgħa bejnu, s-Sindku s-Sur Joseph Sultana u d-Direttur għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku s-Sur Manuel Tabone sar qbil li l-knis ta' toroq fix-Xlendi għandu lok fejn jista' jsir titjib. Id-Direttur issuġġerixxa li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex isir knis ta' toroq residenzjali mill-Ġimgħa l-Kbira sa l-aħħar t' Ottubru. Il-ħaddiema tad-Dipartiment tiegħu jibqgħu jikinsu Triq ir-Rabat, Pjazza l-Anfori, Triq San Xmun, Triq il-Kantra, Triq il-Qsajjem u Xatt ix-Xlendi.

4.02 Il-Kumitat qabel li toħroġ sejħa għall-knis ta' toroq fix-Xlendi minn nofs April 2011 sa l-aħħar t' Ottubru 2011. Il-knis ikun manwali u jridu jitbattlu *litter bins* li hemm matul dawk it-toroq li ser inaddaf.
Il-Kuntrattur irid jiddisponi minn skart li jkun ġabar.

**5.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

5.01 Iċ-*Chairperson* flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa ma' l-Inġinier fix-Xlendi. Il-Kumitat għadu ma ħax risposta dwar l-applikazzjoni ta' Eco-Gozo. Hemm ukoll pendenti quddiem il-MEPA il-proġett ta' l-Għar ta' Karolina.

5.02 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li peress li missieru għandu xi proprjeta' fi Triq ir-Rumani, huwa mhux ser jieħu sehem aktar meta tkun ser tittieħed xi deċiżjoni dwar din it-triq.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Annwali u l-*Financial Statements* ta' Jannar 2010 sa Diċembru 2010. Għal din is-sena qed ikun ikkalkulat li ser ikun hemm *surplus* ta' €16,065. Għaldaqstant meta jsir l-*Audit* tas-sena u jkun ikkonfermat l-ammont eżatt ta' *surplus*, jiġi kkalkulat għand min ser imur hux għand il-Kunsill jew għand il-Kumitat Amministrattiv.

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li d-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sur Carmel Abela ser iżur l-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 2 ta' Marzu 2011 fis-2.25 ta' wara nofsinhar. Huwa jixtieq li jiltaqa' ma' l-i*staff*, il-membri tal-Kunsill u tal-Kumitat Amministrattiv.

6.03 Il-Kumitat irċieva risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-applikazzjoni li saret dwar inizjattivi sportivi. Il-Kumitat ser jingħata s-somma ta' €500 fejn il-Kumitat ser ikun mitlub joħroġ l-istess somma.

6.04 Il-Kumitat irċieva proposta ġdida mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-iskema ta' PPP ta' toroq peress li l-Kumitat ma nkludiex Triq is-Sienja u Triq Sant' Indrija. Id-Dipartiment ser jgħaddi lill-Kumitat nofs il-pagament li jsir malli jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* jiġifieri €27,360.60 (nofs l-40% tal-valur kollu stmat tax-xogħol). Qed jiġi garantit ukoll illi l-Kumitat jieħu mingħand id-Dipartiment nofs il-pagament li jsir f' għeluq is-sena minn meta jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* jiġifieri €13,680.30 (nofs l-20% tal-valur kollu stmat tax-xogħol).

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Is-Sur Vincent Borg staqsa dwar is-slielem tal-baħar peress li dawn inqalgħu minn posthom. Is-Sindku informah li dawn inqalgħu għax-xhur tax-Xitwa minħabba l-maltemp. Is-Sur Vincent Borg issuġġerixxa li għall-inqas jitħallew mqar żewġt islielem għal matul ix-Xitwa. Kien hemm qbil dwar dan.

7.02 Is-Sur Mark Busuttil issuġġerixxa sabiex il-Kumitat jitlob biex fix-Xlendi ssir *diving wreck* fil-baħar peress li kull fejn saret *diving wreck*, din ġibdet ħafna viżitaturi fil-lokal u żgur li jekk issir waħda fix-Xlendi, l-Lukandi u Ristoranti ser jibbenefikaw. Kien hemm qbil dwar dan.

7.03 Is-Sur Vincent Borg staqsa dwar dik il-*Kiosk* li għandu l-Kunsill fil-*Parking* tax-Xlendi peress li issa ilha ħafna żmien magħluqa. Huwa ssuġġerixxa li din tingħata b' kera lil xi ħadd sabiex jinbiegħu xi affarijiet. Kien hemm qbil li l-Kumitat joħroġ sejħa sabiex din il-*Kiosk* tinkera għax-xhur tas-Sajf.

7.04 Is-Sur Michele Fenech Adami ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li f' Xatt ix-Xlendi hemm imwaħħla lapida ta' l-irħam li ż-żebgħa tat-tipi tqaxxret. Is-Sindku informah li ħaddiema li qed jirrestawraw l-istatwa ta' Sant' Indrija ser jintbagħtu jiżbgħu t-tipi biż-żebgħa sewda.

Is-Sur Michele Fenech Adami ġibet ukoll l-attenzjoni tal-membri tal-Kumitat li fi Triq ix-Xlendi hemm *floodlight* proviżorja li qed tagħti dawl qawwi f' wiċċ is-sewwieqa li jkunu telgħin mix-Xlendi.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 ta' filgħodu u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar is-Sibt, 26 ta' Marzu 2011, fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Godwin Azzopardi** | **Anthony Grech** |
| ***Chairperson.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |